32005R0023

REGOLAMENT (KE, EURATOM) Nru 23/2005 TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 2004

li jadatta, mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u, mill-1 ta' Jannar 2005, ir-rata ta' l-imgħax użata għat-trasferimenti bejn l-iskema Komunitarja u l-iskemi nazzjonali tal-pensjonijiet

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal għall-ufficjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-agenti l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1] u emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru… [2], u partikolarment l-Artikoli 83 u 83 bis u l-Anness XII ta' dawn ir-Regolamenti tal-Personal,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ppreżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat għar-Regolamenti tal-Personal,

Billi:

(1) Bi qbil ma' l-Artikolu 13 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Personal, l-Eurostat ippreżenta fl-1 ta' Settembru 2004 rapport dwar l-evalwazzjoni attwarja 2004 ta' kull ħames snin ta' l-iskema tal-pensjonijiet li tattwalizza l-parametri previsti f'dan l-Anness.

(2) Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, huwa xieraq li jsir addattament tar-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat bilanċ attwarju tas-sistema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness XII, l-adattament 2004 ma jistax jaqbeż id-9.75 %.

(3) Hemm lok għar-reviżjoni tar-rata stipulata fl-Artikoli 4 u 8 ta' l-Anness VIII, kif ukoll fl-Artikoli 4 u 110 ta' l-RAA (Il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej), bi qbil ma' l-Artikolu 12 ta' l-Anness XII,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rata tal-kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament tal-Personal hija ffissata għal 9.75 %.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, ir-rata ta' l-imgħax imsemmija fl-Artikoli 4 u 8 ta' l-Anness VIII tar-Regolmenti tal-Personal kif ukoll l-Artikoli 40 u 110 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Uffiċjali Oħrajn hija ffissata għal 3.9 %.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-20 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kunsill
Il-President
P. VAN GEEL

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
[2] ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1.